**Diskors tal-Vici Prim Ministru Tonio Borg waqt it-tnehdija ta’ Charter dwar id-drittijiet tat-tarbija mit-tnissil sat-twelid**

Nixtieq qabel xejn nifrah lill-grupp ta’ ghaqdiet illi gew flimkien biex fasslu din il-Karta tad-Drittijiet tat-Tarbija mit-Tnissil sat-Twelid, u tad-drittijiet u harsien ta’ l-izvilupp taghha wara li titwieled.

Il-Karta ta’ dawn id-Drittijiet tiehu vizjoni wiesa ta’ dawn id-drittijet, u ma tillimitax ruhha ghal xi perjodu partikolari fl-izvilupp tat-tarbija. Tishaq fuq id-drittijiet tat-tarbija fi zminijiet meta saret moda, li jew dawn id-drittijiet jintesew kompletament bhal fil-kaz tat-terminazzjoni tal-hajja qabel it-twelid jew inkella jigu assogettati ghal interessi ohra li ma jkunux fl-interess suprem tat-tarbija.

Il-hajja tal-bniedem tibda mit-tnissil, mill-koncepiment, ghalhekk kull wiehed u wahda minnha hekk tnissilna; ghaddejna mill-processi u stadji kollha fit-tnissil taghna; mela kull stadju irid jigi mhares. Jekk le, inkunu qeghdin b’egoismu ninjuraw id-drittijiet ta’ min ma jistax jitkellem, ghas-semplici raguni li issa li ahna twelidna, ma jimportanix jekk jitwelidx jew le haddiehor.

Il-harsien tad-drittijiet tal-bniedem fuq pjan internazzjonali beda principalment wara l-ahhar Gwerra Dinjija. Il-hruxijiet li twetqu fil-gwerra waslu sabiex l-istati fundaturi tal-gnus maghquda ifasslu d-Dikjararzzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948. It-tfal jissemew b’mod partikolari, u ta’ dan hemm referenza fic-charter li qed iniedu illum illi minhabba l-imaturita’ mentali u fizika taghhom jehtiegu tharis, li ghandu jinkludi protezzjoni kemm qabel kif ukoll wara t-twelid.

Fic-Charter li qed jigi ipprezentat illum ghandna gabra ta’ drittijiet favur it-tarbija, mill-koncepiment sat-twelid, kif ukoll ir-responsabbiltajiet lejn it-tarbija mhux inwielda.

Hekk il-genituri ghandhom id-dover, bhala shab indaqs, li jghinu lit-tarbija tizviluppa l-personalita u l-potenzjal kollha taghha. Il-genituri ghandhom ukoll l-obbligu li jharsu lit-tarbija minn kull hsara kemm fizika u kemm mentali, mit-tnissil sat-twelid. Il-genituri ghandhom jonqsu li jabbuzaw minn xorb alkoholiku, tipjip jew droga waqt li l-mara tkun tqila, ghax dan jista jaffettwa lit-tarbija li tkun ser titwieled tul hajjitha kollha. Kull tarbija ghandha d-dritt li titwieled f’ambjent socjali sikur.

Hemm ukoll doveri ta’ ghaqdiet, organizazzjonijiet, il-professjoni medika u sahansitra tal-Parlament. Hekk ic-Charter jahseb biex jahdem sabiex manifatturi ta’ xorb alkoholiku u tas-sigaretti jaghmlu avvizi fuq il-prodotti taghhom li dawn jistghu jaghmlu hsara lit-tarbija fil-guf. L-istess sidien tal-postijiet tax-xoghol ghandhom jizguraw li nisa tqal ma jkunux esposti ghal kimici u sustanzi tossici.

F’pajjizna, ghal grazzja t’Alla, il-valuri ghadhom sodi u minkejja l-hafna distrazzjonijiet il-familja ghadha c-centru tas-socjeta Maltija. Tista tghid li jezisti prattikament qbil minn  kulhadd kontra l-abort u dan juri kemm il-Maltin iqisu u jghozzu d-drittijiet tat-tarbija mhux imwielda, bl-iktar wahda importanti – dik tal-hajja. U hawn jidhol ir-rwol tal-Parlamentari kemm tal-Parlament malti u kemm dak Ewropew biex, bhala rapprezentanti tal-poplu Malti jippromwovu d-dritt tal-hajja umana mll-mument tat-tnissil sat-twelid.

Nawgura li dan ic-Charter ikun ghodda importanti fit-tharis tat-tarbija mhux inwielda biex b’hekk ikomplu jissahhu l-valuri favur il-hajja.

Qed nghixu fi zmenijiet fejn isiru hafna domandi. Hemm bzonn dan l-ghageb kollu fuq id-dritijiet tat-trabi qabel it-twelid. Ir-risposta hi li din l-enfazi trid issir ghax qed tixtered wisq il-kultura ta’ kontra il-hajja. Li wiehed – biex jimxi mal-moda – ma jgibx ‘il quddiem il-harsien tat-trabi li ma twelidx, ghax il-kurrent mhux lil hemm qed jigbed.

Il-Gvern Malti – fid-dhul tieghu fl-Unjoni Ewropeja – ghemez protokoll mad-dokument ta’ shubija fejn iffirma li l-kwistjoni ta’ l-abort hija kwestjoni li jiddeciedi l-Istat Malti u hadd iktar. Il-pressjoni ta’ idejat hemm imsejha progressive, li jittimbraw lil kull min jitkellem favur ul-hajjar mit-tnissil bhala fondamtalista, mhux gejja minn xi kwartier partikolari. Gejja minn diversi kwartieri u anki organizazzjonijiet internazzjonali.

Il-Gvern Malti fil-fora internazzjonali kollha l-aktar fil-Gnus Maghquda, il-Kunsill ta’ l-Ewropa u l-Unjoni Ewropeja ma beza’ qatt jesprimi l-opinjoni tal-maggoranza stragranti tal-poplu taghna, illi ahna l-abort ma naccettawhx, u narawh bhala terminazzjoni ta’ hajja li xorta hi hajja anki jekk ghad ma hemx twelid.

Izda fil-kura taghna tat-trabi mhux imwielda lanqas ghandna ninsew it-trabi imwielda u d-dritijiet tat-tfal. Il-politika favur il-familja ghandha tkun parti minn kull politika fl-oqsma differenti; fil-qasam tal-akkomodazzjoni, f’mizuri fiskali, u fuq kollox fl-edukazzjoni u s-sahha.

L-investiment qawwi f’dawn l-oqsma f’dawn l-ahhar snin se jkompli. Ghaliex huwa b’hekk biss illi nassiguraw illi ic-Charter ma jkunx biss karta, izda program ta’ impenn.

J’Alla johrog il-gid minn din il-laqgha ghall-gid ta’ uliedna tal-lum u t’ghada.